**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 14 ta' Lulju 2016**

**Pulizija**

**Spettur Trevor Micallef**

**Vs**

**Reuben Alessandro Abela**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Reuben Alessandro Abela, iben Paul u Mary nee' Calleja, twieled ir-Rumanija nhar it-2 ta' Marzu 1990, residenti 5, Stone Henge, Triq ir-Rumani, Mosta u detentur tal-karta tal-identita' 587090M;

Talli f'dawn il-Gzejjer fil-15 ta' Novembru 2014 ghall-habta tal-hamsa w nofs ta' filghodu (05:30a.m) f'dawn il-Gzejjer:

1) Bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi izda biss biex jezercita jedd li jipretendi li ghandu, gieghel, bl-awtorita tieghu innifsu, lil xi hadd ihallas dejn, jew jesegwixxi obbligazzjoni, tkun li tkun, jew fixkel lil xi hadd fil-pussess ta' hwejgu, jew b'xi mod iehor,

kontra l-ligi, indahal fi hwejjeg haddiehor, ghad-dannu ta' Joanna Grech;

2) Akkuzat aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkaguna hruq, jew ghamel xi hsara jew hassar jew gharraq xi haga u cioe' vettura tal-ghamla Peugeot numru ta' registrazzjoni HBL 174 ghad-dannu ta' Joanna Grech u/jew persuni ohra;

3) Akkuzat aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkaguna hruq, jew ghamel xi hsara jew hassar jew gharraq xi haga u cioe' 'central strip' ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta, Transport Malta, Kunsill Lokali u'jew entitajiet ohra;

4) Akkuzat tall- fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi saq vettura b'numru ta' registrazzjoni HBL 174 tal-ghamla Peugeot b'mod perikoluz, traskurat u negligenti;

5) Akkuzat aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi saq vettura numru ta' registrazzjoni HBL 174 tal-ghamla Peugeot b'manjiera eccesiva;

6) Akkuzat aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi saq jew ipprova jsuq vettura numru ta' registrazzjoni HBL 174 tal-ghamla Peugeot minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mill-Awtorita' tat-trasport f'Malta jew minghajr licenzja tas-sewqan specifika ghal dik il-vettura;

7) Saq vettura numru ta' registrazzjoni HBL 174 tal-ghamla Peugeot meta ma kienetx koperta b'polza t'asikurazzjoni dwar riskji ta' terzi persuni;

8) Akkuzat aktar talli fl-istess data, hinijiet, lok u cirkostanzi saq jew kellu kontroll ta' vettura bil-mutur numru ta' registrazzjoni HBL 174 tal-ghamla Peugeot waqt li kien qieghed fi triq jew f'post pubbliku iehor meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi;

9) Akkuzat aktar talli fl-istess data, lok, hinijiet u cirkostanzi rrifjuta jew naqas milli jaghti kampjun tan-nifs;

10) Akkuzat aktar talli fl-istess data bejn is-saghtejn u nofs ta' filghodu w it-tlieta ta' filghodu (02:30a.m-03.00a.m) minn San Giljan ikkommetta serq ta' handbag li kien fih mobile phone IPhone 5, liema serq huwa kwalifikat bil-'valur' jiskorru l-mitejn u tnejn u tletin euro w erbgha w disghin centezmu (232.94 Euro) imma mhux izjed minn elfejn tliet mija w disgha w ghoxrin euro w sebgha w tletin centezmu (2,329.37 Euro) u bil-'hin' ghad-dannu ta' Robert Abela u/jew persuni ohra;

11) Akkuzat aktar talli fl-istess data, lok, hinijiet u cirkostanzi kkommetta serq ta' handbag li kien fih mobile phone Black Berry, liema serq huwa kwalifikat bil-'valur' (jiskorru l-mitejn u tnejn u tletin euro w erbgha w disghin centezmu (232.94 Euro) imma mhux izjed minn elfejn tliet mija w disgha w ghoxrin euro w sebgha w tletin centezmu (2,329.37 Euro) u bil-'hin' ghad-dannu ta' Natalie Galea u/jew persuni ohra;

12) Akkuzat aktar talli jiem/gimghat qabel il-15 ta' Novembru 2014 ikkommetta serq ta' mobile phone ghamla Nokia N95 liema serq huwa kwalifikat bil-'valur' (jiskorru l-mitejn u tnejn u tletin euro w erbgha w disghin centezmu (232.94 Euro) imma mhux izjed minn elfejn tliet mija w disgha w ghoxrin euro w sebgha w tletin centezmu (2,329.37 Euro) u bil-persuna' ghad-dannu ta' Joanna Grech;

13) Akkuzat aktar talli fl-istess perjodu b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkaguna hruq, jew ghamel xi

hsara jew hassar jew gharraq xi haga w cioe’ mobile phone tal-marka Nokia N95 ghad-dannu ta’ Joanna Grech;

14) Akkuzat talli fl-istess data w fix-xhur ta’ qabel, f’Malta xjentament laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b’kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

15) Akkuzat aktar talli fl-istess perjodu w cirkostanzi f’dawn il-Gzejjer, ikkommetta reat matul il-perjodu operattiv ta’ sentenza sospiza moghtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

16) Akkuzat aktar talli fl-istess perjodu ta’ zmien u cirkostanzi f’dawn il-Gzejjer irrenda ruhu recedivai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta wara li dan kien gie misjub hati b’diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta liema sentenzi saru definittivi w ma jistghux jigu mibdula.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

**Ikkunsidrat;**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu s-segwenti. Fid-data indikata, l-imputat kien qed isuq vettura bin-numru HBL 174, proprjeta’ ta’ Joanna Grech,

meta ghal xi raguni hu tilef il-kontroll taghha u habat ma' "central strip" fi Triq Sant' Andrija, San Giljan, fejn is-Sunrise Bar, u kkaguna hafna hsara, kemm fil-vettura kif ukoll fil-proprjeta' tal-gvern. Meta gew fuqu l-Pulizija biex jaghtu l-assistenza taghhom, fil-vettura instabu numru ta' "mobile phones" li kienu gew rappurtati nieqsa ftit tal-hin qabel. Ghalhekk kienu ttiehdu dawn il-proceduri kontra l-imputat.

Mill-provi prodotti rrisulta li l-imputat kien qieghed Paceville dak il-lejl u cempel lil Joanna Grech, li xi zmien qabel kellhom relazzjoni bejniethom u li kienet omm it-tifel tieghu, biex tigi ghalih. Hekk kif waslet hdejh u harget mill-vettura biex tara jekk it-tifel taghhom, li kien riekeb wara, kienx ghadu rieqed, hu dahal u saq 'l hemm. Waqt li kien qed isuq il-vettura bin-numru HBL 174, tilef il-kontroll tal-istess vettura u habat ma' "central strip" fit-triq, bil-konsegwenza li kkaguna hsara konsiderevoli fil-vettura u fl-istess "central strip". Meta gie avvicinat mill-membri tal-Pulizija, hu beda jgib ruhu m'mod agitat hafna, tant li l-istess Pulizija xehdu li kellu riha qawwija ta' xorb. Ghalhekk ippruvaw jiehdu test tan-nifs lill-imputat, izda dan kien inkonklussiv. Vicin tal-vettura instabu xi "mobile phones" li ma kienux tal-imputat jew ta' Grech, izda sussegwentement irrisulta li dawn kienu gew misruqa dak il-lejl stess.

In difesa, l-imputat ghazel li ma jixhedx, ghalhekk kull ma hemm bhala verzjoni ta' fatti min-naha tieghu hija l-istqarrija li kien ta lill-Pulizija. F'dik l-istqarrija, hu jghid li habat bil-vettura ta' Grech ghax kienet hi li qabdet l-"isteering wheel" u dawritha, bil-konsegwenza li tilef il-kontroll. Qal ukoll li l-Pulizija sawtuh meta gew fuq il-post flok tawh l-ghinuna, u qal ukoll li l-"breathalizer" ma hadimx sew minkejja li hu pprova. Dwar il-"mobiles" qal li ma kellux bzonn ta' "mobile" iehor ghax kellu, u ma jaf xejn dwarhom.

Mill-assjem tal-provi prodotti jidher car li l-imputat huwa responsabbli ghall-incident bil-vettura, liema incident sehh unikament tort tieghu. Ghalhekk il-hsara li saret kemm fil-vettura kif ukoll fis-"central strip" hija unikament tort tieghu. Peress illi dawn il-hsarat huma konsiderevoli, huwa evidenti li s-sewqan tal-imputat kien wiehed perikoluz u b'velocita' ferm eccessiva. Huwa agir ghal kollox irresponsabbli ghal missier, ta' eta' tenera kemm irid, li jsuq vettura b'dak il-mod meta ghandu lil ibnu riekeb mieghu. Ma jirrisultax li gie ppruvat li Abela kien xurban u li rrifjuta li jaghti kampjun tan-nifs, ghalkemm huwa

possibbli u plawsibbli ferm li gara hekk, izda l-Qorti ser taghtih il-beneficcju tad-dubju, ladarba l-provi ma wasslux sal-grad rikjest mil-ligi f'dan ir-rigward. Kwantu ghar-reat ta' serq, dan gie ppruvat soddisfacentement ghal din il-Qorti. Il-fatt li hu kien fl-istess stabbiliment minn fejn insterqu dawn il-"mobile phones", u l-fatt li dawn instabu fil-pussess tieghu minghajr ma hu ta spjegazzjoni dwarhom, jinducu bil-fors li hu seraqhom dak il-lejl stess.

Ghalhekk il-Qorti ser issibu hati u ser taghtih piena ta' prigunerija effettiva.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 85, 328(d), 261, 267, 268, 270, 334, 28A u 28B, 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Kif ukoll l-Artikoli 15(1)(a) u (b), (2), 15A u 15B tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta;

U l-Artikolu 3 tall-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ma ssibx lill-imputat hati tas-sitt, is-seba', it-tmien u d-disa' akkuza, u ghaldaqstant qed tilliberah minnhom.

Issib lill-imsemmi imputat hati tal-ewwel sal-hames u mill-ghaxar sas-sittax-il akkuza kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u qieghda tikkundannah ghal sentejn prigunerija.

Tordna d-dhul fis-sehh tas-sentenza ta' prigunerija sospiza, datata 14 ta'Gunju 2011 u kif estiza b'sentenza ohra tas-7 ta' Mejju 2012, fejn l-imputat kien wehel tminn (8) xhur prigunerija.

Tordna l-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan tal-imputat ghal sena.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**